MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Mandat Numru. 1770/2013/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1770/13 fl-ismijiet:

**HYPERION AVIATION LIMITED (C – 52923)**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**, il-Kummissarju tal-Pulizija, r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Ġurisdizzjoni Kriminali)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-15 ta' Novembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti

talbet li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "jipprovdu, jibgħatu jew jgħaddu b'xi mod jew mezz, kemm konvenzjonali kif ukoll elettroniku, kopja tal-'*operations manuals*' tas-soċjeta' Hyperion Aviation Limited lil Awtoritajiet Svizzeri li għamlet (*sic*) t-talba għal tali '*operations manuals*' f'investigazzjoni u/jew proċeduri kontra Eric Weisskopf, u dan stante li l-istess '*operations manuals*' huma proprjeta' tas-soċjeta' Hyperion Aviation Limited u mhux ta' Eric Weisskopf, liema soċjeta' ser issofri preġudizzju gravi fl-eventwalita' li dan id-dokument, kontenenti informazzjoni kummerċjalment sensittiva, jiċi mess għad-dispożizzjoni ta' awtorita', qorti jew tribunal esteru, iktar u iktar meta ma teżisti l-ebda garanzija li dan id-dokument ser jiġi trattat minn tali awtorita', qorti jew tribunal esteru bil-kunfidenzjalita' meħtieġa sabiex ma jiġi rrekat l-ebda preġudizzju u/jew danni lis-soċjeta' Hyperion Aviation Limited li sa fejn taf is-soċjeta' esponenti ma hija suġġetta għall-ebda investigazzjoni u/jew proċedura fl-Isvizzera li hija taf u/jew li ġiet notifikata bihom, u li n-nuqqas ta' rappreżentazzjoni ta' Hyperion Aviation Limited fil-proċeduri għall-assistenza reċiproka fir-rigward ta' Eric Weisskopf twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront ta' Hyperion Aviation Limited";

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien sat-22 ta' Novembru għat-Tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2013;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali fil-21 ta' Novembru, 2013, li biha laqa' għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi, fost l-oħrajn, qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-proċedura bi spejjeż għall-kumpannija rikorrenti. Żied jgħid li t-talba, f'kull każ, ma jmisshiex tintlaqa' għaliex talba għal dokumenti rogatorji minn barra minn Malta ssir lill-Avukat Ġenerali u mhux lilu u hu ma jkollux aċċess għal dawk id-dokumenti. B'mod partikolari hu la jista' u lanqas għandu s-setgħa li jibgħat dokumenti bħal dawk lil awtoritajiet barranin;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fit-22 ta' Novembru, 2013, li biha laqgħu għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li l-mertu tat-talba huwa eżawrit għaliex id-dokumenti li għalihom jirreferi r-rikors diġa' ntbagħtu lill-awtorita' rikjedenti għall-finijiet tal-artikolu 649(5) tal-Kodiċi Kriminali. Laqgħu wkoll fil-mertu billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li ma jeżistux il-kundizzjonijiet biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-28 ta' Novembru, 2013, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhud imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2013, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħa "Hyperion") trid li żżomm lill-intimati, jew lil min minnhom, milli jgħaddu dokumenti – konsistenti fl-"*operations manuals*" tagħha – lil awtorita' svizzera li talbithom lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta fil-qafas ta' investigazzjonijiet li jidher li qegħdin isiru minn dik l-awtorita' dwar wieħed Eric Weisskopf;

Tqis li l-imsemmi Eric Weisskopf huwa d-direttur waħdieni ta' Hyperion[1], li hija kumpannija mwaqqfa u reġistrata f'Malta;

[1] Ara d-dok f'paġ. 4 tal-atti

Tqis li l-intimat Avukat Ġenerali kien irċieva talba minn awtorita' svizzera biex jgħaddilha l-imsemmija manwali. Wara xi żmien li kien ilu li ressaq it-talba quddiem maġistrat taħt l-artikolu 649 tal-kodiċi Kriminali, ingħatat l-awtorizżazzjoni biex id-dokumenti mitluba jintbagħtu lill-awtorita' li talbithom. Id-dokumenti ntbagħtu dak inhar li Hyperion ressqet ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat[2]. Għalkemm mhux ċar jekk fil-ħin li ntbagħtu d-dokumenti l-intimat Avukat Ġenerali kienx diġa' laqa' n-notifika, jibqa' l-fatt li dawk id-dokumenti kienu ntbagħtu kif Qorti f'Malta awtorizżat li jsir;

Tqis li, lil hinn mill-kwestjoni tar-rimedju ġudizzjarju li Hyperion dejjem għandha f'każ li tabilħaqq joħroġ li hija ġarrbet xi dannu jew ħsara, talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintlaqa' jekk kemm-il darba l-ħaġa li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf tkun fil-fatt diġa' saret jew ġrat. Dan għaliex l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[3]. F'każ bħal dan, jibqa' bla mittiefes kull jedd għat-teħid ta' kull rimedju ieħor xieraq li jista' jintalab biex jagħmel tajjeb għal xi ħsara li r-rikorrenti tkun ġarrbet;

Tqis, għalhekk, li safejn it-talba tal-kumpanniji rikorrenti hija maħsuba biex il-Qorti twaqqaf lill-intimati milli jottemperaw irwieħhom ma' sejħa ta' awtorita' barranija kompetenti, din it-talba tistax aktar tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub billi ma għadhomx jeżistu l-elementi biex din it-talba tista' tintlaqa'; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż** ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

[2] Xhieda ta' Dr Donatella Frendo Dimech 28.11.2013, f'paġġ. 16 – 7 tal-atti

[3] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------